



Kumitat għas-Sajd

2023/0353(NLE)

23.1.2024

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (COM(2023)580 – C9-xxxx/20xx – 2023/0353(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Predrag Fred Matić

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Sfond tal-Proposta

L-Unjoni Ewropea hija impenjata b'mod attiv biex tindirizza l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali permezz tal-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), magħrufa bħala l-“Ftehim BBNJ”.

Mibdija fl-2004, l-UE, awtorizzata mill-Kunsill, wettqet negozjati mill-2016 sal-2023, li rriżultaw fl-adozzjoni tal-Ftehim BBNJ fid-19 ta' Ġunju 2023. L-UE ffirmat dan il-ftehim kruċjali fl-20 ta' Settembru 2023.

Il-Ftehim BBNJ jiffoka fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar fi kważi żewġ terzi tal-oċeani tad-dinja, u b'hekk jikkontribwixxi għal ambjent tal-baħar aktar b'saħħtu u biex tinżamm il-profittabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd. Jindirizza r-riżorsi ġenetiċi tal-baħar, il-kondiviżjoni tal-benefiċċji, l-għodod ta' ġestjoni bbażati fuq iż-żona, il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, u l-bini tal-kapaċità.

Bħala t-tielet ftehim ta' implimentazzjoni fl-ambitu tal-UNCLOS għall-UE, dan il-ftehim jimmodernizza l-UNCLOS biex tallinja mal-iżviluppi fil-bijodiversità tal-baħar sa mill-1982. Jappoġġja l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-Għan 14, u jikkontribwixxi għall-mira tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, il-konservazzjoni ta' 30 % tal-artijiet u tal-oċeani tad-dinja sal-2030. Barra minn hekk, jgħin fl-implimentazzjoni tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jenfasizza s-sinerġija fl-indirizzar tal-isfidi globali.

Kontenut tal-Proposta

Il-Ftehim BBNJ jindirizza l-isfidi ppreżentati minn madwar żewġ terzi tal-oċeani tad-dinja, li huma proprjetà kollettiva iżda huma nieqsa minn sjieda speċifika minn xi entità individwali. Il-konservazzjoni ta' dan il-ġid komuni globali isseħħ permezz ta' miżuri vinkolanti u volontarji, li jiffukaw fuq kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar fost il-partijiet ikkonċernati. Għandu l-għan li jiġġieled it-telf tad-diversità bijoloġika, id-degradazzjoni tal-ekosistemi, u l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-ekosistemi tal-baħar f'żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, filwaqt li jkopri kwistjonijiet bħat-tiġin, id-deossiġenazzjoni tal-oċeani, l-aċidifikazzjoni, it-tniġġis (inkluż it-tniġġis tal-plastik), u l-użu mhux sostenibbli.

Il-Ftehim BBNJ jenfasizza ulterjorment l-avvanz tar-riċerka xjentifika globali, filwaqt li jiżgura l-kompatibbiltà mar-responsabbiltajiet eżistenti tal-partijiet ikkonċernati, u jindirizza l-inugwaljanzi, b'mod partikolari għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Jistinka biex iżid il-kollaborazzjoni fost l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ibħra u l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

Il-Ftehim BBNJ għandu l-għan li jallinja l-UNCLOS ma' kwistjonijiet kontemporanji u jippromwovi prattiki sostenibbli fuq skala globali.

Opinjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur ifaħħar il-miżuri f'waqthom u effettivi li dwarhom kien hemm qbil fil-ħames sessjoni tal-Konferenza Intergovernattiva. Huwa tal-fehma li l-istrument internazzjonali legalment vinkolanti jirrappreżenta pass kruċjali 'l quddiem biex jiġu indirizzati l-isfidi

kumplessi li l-ekosistemi tal-baħar qed jiffaċċjaw fuq skala globali. Ambjent tal-baħar b'saħħtu bi stokkijiet tal-ħut b'saħħithom u bijodiversità rikka huwa kruċjali biex jiġi żgurat futur prosperu għall-komunitajiet tas-sajd.

Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li t-traspożizzjoni tal-obbligi ġenerali, li dwarhom kien hemm qbil u li huma stabbiliti fil-Ftehim, saret malajr, liema fatt jiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri li jippromwovu l-koerenza u l-koordinazzjoni, mingħajr ma jiġu kompromessi l-istrumenti, u l-oqfsa eżistenti, jew il-ħidma ta' korpi globali, reġjonali, subreġjonali, u settorjali. Dan l-impenn favur l-allinjament u l-kollaborazzjoni huwa vitali għas-suċċess tal-Ftehim u l-għan ġenerali tiegħu ta' konservazzjoni u użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur jappoġġja l-Ftehim fl-ambitu tal-UNCLOS u japprova l-adozzjoni rapida tiegħu, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' sforzi kooperattivi fis-salvagwardja tas-saħħa u tar-reżiljenza tal-ekosistemi tal-baħar f'żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ).